

Brussell, 4 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

8496/26

CDR 77

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir- Repubblika tal-Awstrija, fil-Kumitat tar-Reġjuni - Adozzjoni

1. Permezz ta' ittra tas-26 ta' Mejju 2026¹, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bi tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu s-Sur Peter KAISER, membru tal-Kumitat tar-Reġjuni, ġie propost għall-ħatra u maħtur.
2. Permezz ta' ittra tad-29 ta' Mejju 2026², is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bir-riżenja tas-Sur Herwig SEISER, membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni.
3. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi, jaħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

¹ 9347/26.

² 9351/26.

4. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur Peter KAISER, il-Gvern Awstrijak ippropona³ lis-Sur Daniel FELLNER, rappreżentant ta' korp reġjonali li huwa politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *Landeshauptmann von Kärnten, Kärntner Landesregierung* (Gvernatur ta' Carinthia, Gvern tal-Istat ta' Carinthia), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030.
5. Barra minn hekk u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur Herwig SEISER, il-Gvern Awstrijak ippropona³ lis-Sur Peter REICHMANN, rappreżentant ta' korp reġjonali li huwa politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *Landesrat der Kärntner Landesregierung* (Membru tal-Gvern tal-Istat ta' Carinthia), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030.
6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni, kif jinsab fid-dokument 8495/26, u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" flaqgħa li jmiss.

³ 8745/26.